# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 86/2015**

Il-Pulizija

(Spettur Robert Vella)

vs

**Kyle Vella**

iben Victor, imwieled Pieta', fis-7 ta' Awwissu, 1996, detentur tal-karta tal-identita' numru 337696(M)

Illum 24 ta' Ottubru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellat Kyle Vella quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli nhar it-tlettax (13) ta` Settembru, 2014, għal ħabta tat-tmienja u nofs ta` filgħaxija (20:30hrs), ġewwa Ta` Qali, limiti ta` H'Attard:

**1.** Inġurja, hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta` PC 1112 George Buhagiar, persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta` dak is-servizz; **Kap 9, Art 95**

2. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indiċenti, jew għamel atti jew ġesti oxxeni, jew offenda l-morali, l-imġieba xierqa jew id-diċenża pubblika; Kap 9 Art 338 (bb).

3. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqas li jobdi l-ordnijiet leggittimi mogħtija lilu mill-Pulizija waqt li kienu qegħdin jaqdu d-doveri tagħhom jew ma ħalliehomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta` dmirijiethom;(Kap 9 Art 338(ee))

4. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;( Kap 9 Art 338 (ee))

5. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi filwaqt li kien ħiereġ minn ġewwa l-Istadjum Nazzjonali ta` Ta` Qali, ġab ruħu b'mod abbuzziv.(L.S.10.33 Reg. 7)

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li f'każ ta` ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita skont il-liġi, tordna li l-imputat ma jattendix fi grounds ta` sports għal dak il-perjodu ta` żmien li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-12 ta' Frar, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 95, 338 (bb) u 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta` Malta u L.S. 10.33 Reg. (7). sabet lill-imputat ħati u għaldaqstant illiberatu bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena (1) millum ai termini tal- Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal- Liġijiet ta' Malta u ma tapplikax il-multa preskritta mill-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali minnu ppreżentat fis-27 ta' Frar, 2015 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha **tirriforma is-sentenza** appellata fis-sens illi:

a. **tikkonfermaha** fejn sabet lill-imputat appellat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u
b. **tirrevokaha u tħassarha** f'dik il-parti fejn iddeċidiet illi tillibera lill-imputat appellat bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena (1) millum ai termini tal- Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal- Liġijiet ta' Malta u ma tapplikax il-multa preskritta mill-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta u
c. **minflok** tinfliġġi l-piena skond il-liġi.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-ewwel Onorabbli Qorti meta ġiet biex teroga piena fil-konfront ta' Kyle Vella iddeċidiet illi tilliberaħ bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena (1) millum ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u ma tapplikax il-multa preskritta mill-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta` Malta.

Jiġi umilment sottomess li l-piena erogata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma kienitx fix-xorta u fil-kwantita' tagħha dik ikkontemplata fil-liġi għar-reati ammessi mill-appellat.

Meta wieħed iqis li l-appellat Kyle Vella ammetta l-akkuħi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu fosthom l-akkuża numru 1, jiġifieri talli inġurja, hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta` PC 1112 George Buhagiar, persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li għamel dan is-servizz, jew bil-ġsieb li jbezzgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta` dak is-servizz, wieħed jara li l-Qorti ma setgħatx tilliberaħ bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena (1) millum ai termini tal- Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal- Liġijiet ta' Malta u ma tapplikax il-multa preskritta mill-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta` Malta **u dan ghaliex il-multa preskritta fl-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 hija tassativa fil-liġi** !

Illi l-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 jipprovdi li :-

> **95.** Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, jinġurja, jew ihedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jeħel, meta jinsab ħati, **il-piena stabbilita għall-inġurja, għat-theddid jew għall-offiża, meta jsiru mingħajr iċ-ċirkostanzi msemmijin f'dan l-artikolu, miżjuda b'żewġ gradi u għal multa ta' mhux inqas minn tmien mitt euro (800) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (5,000).**

Għalhekk fl-umli fehma tal-esponent, il-piena erogata mill-ewwel Onorabbli Qorti taqa' taħt il-minimum preskritt mill-Liġi.

Illi l-esponent jirrileva wkoll għal kull *buon fini* li Victor Vella li jiġi missier l-appellat u ċertu Emanuel Abela kienu ġew mressqa l-Qorti fir-rigward tal-istess inċident, bl-istess identiċi imputazzjonijiet għal dawk miġjuba fir-rigward tal-istess appellat Kyle Vella u f'dak il-każ, il-Qorti tal-Maġistrati diversament preseduta kienet ikkundannat liż-żewġ imputati għal multa ta' elf u mitejn ewro (Eur 1,200). (Vide sentenza datata 7 ta' Novembru, 2014 fl-ismijiet ***Il-Pulizija –vs- Victor Vella*** u sentenza datata 13 ta' Novembru ,2014 fl-ismijiet ***Il-Pulizija –vs- Emanuel Vella***).

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-appell intavolat mill-Avukat Generali jirrigwarda l-piena imposta mill-Ewwel Qorti fuq l-appellat.

Illi l-Ewwel Qorti meta ġiet għal piena illiberat lil appellat bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor sa żmien sena u dan taħt l-Artikolu 22 tal-Kap 446. In oltre, speċifikat li mhux ser timponi l-multa preskritta taħt l-Artikolu 95 tal-Kap 9 minħabba li huwa kellu tmintax- il sena, minħabba li l-kopera mal-Awtoritajiet investigattivi , minħabba li ammetta mal-ewwel u minħaba l-fedina penali netta tiegħu.

Illi għalkemm l- Ewwel Qorti tat dawn ir-raġunjiet kollha biex ma tapplikax l-piena stabbilita fl-artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din ma kinitx possibli stante li l-istess multa hija tassativa jekk tiġi pruvata u f'dan il-każ l-appellat kien ammetta l-akkużi miġjuba fil-konfronti tiegħu.

L-appellat ammetta l-akkużi miġjuba fil-konfronti tiegħu mal-ewwel seduta u skuża ruħu ma' PC 1112 George Buhagiar għaldaqstant l-Ewwel Qorti ma kellhiex alternattiva ħlief timponi multa.

L-Artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid is-segwenti:

*Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, jinġurja, jew ihedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz,* ***jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għall-inġurja, għat-theddid jew għall-offiża, meta jsiru mingħajr iċ-ċirkostanzi msemmijin f'dan l-artikolu, miżjuda b'żewġ gradi u għal multa ta' mhux inqas minn tmien mitt euro (800) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (5,000).***

Huwa ċar meta wieħed jinstab ħati taħt dan l-Artikolu l-multa hija tassativa.

Mentri l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid is-segwenti :

*22.(1)* ***Meta qorti li fiha persuna tiġi dikjarata ħatja ta' reat (lima jkunx reat punibbli biss b'multa jew ammenda)*** *u li ma jkunx reat li minbarra żjieda fil-piena minħabba fit-tkomplija jew dikjarazzjonijiet preċedenti ta' ħtija, ikun punibbli bi priġunerijagħal żmien iktar minn seba' snin) jkollha l-fehma li, fil-qies taċ-ċirkostanzi tal-każ, inkluża x-xorta tar-reat u l-karattru tal-ħati, ma jkunx spedjenti li twaħħal piena u dik l-ordni ta' probation, ordni ta' servizz fil-komunità jew ordni ta' probation u servizz ma jkunux adatti, l-qorti tista' tagħmel ordni li biha tillibera lill-ħati għal kollox, jew, jekk il-qorti tkun hekk taħsibha, billi tillibera lill-ħati bla ħsara għall-kondizzjoni li ma jagħmel ebda reat matul dakil-perjodu, li ma jkunx iżjed minn tliet snin mid-data tal-ordni, skont ma jiġi speċifikat fl-istess ordni. Id-disposizzjonijiet tal-proviso li hemm mal-artikolu 7(2) għandhom mutatis mutandis japplikaw għal dan is-subartikolu.*

Illi peress li l-Artikolu 95 tal-Kap 9 jimponi multa biss u mhux multa jew priġunerija l-Ewwel Qorti ma setgħetx tinfliġġi l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta bħala piena għal dan il-każ.

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qed tilqa' l-Appell Tal-Avukat Ġenerali , tikkonferma s-sentenza appellata nkwantu s-sejbien ta' ħtija , tirrevoka u tħassar l-piena mogħtija mill- Ewwel Qorti u minflok timponi multa ta' tmien mitt Ewro (€800).